MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2015

Rikors Kongunt Numru. 447/2014

**AB**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

Illi l-partijiet zzewgu fil-25 ta' April 1981 skont l-anness certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dokument A, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum lkoll maggorenni,;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Mary sive Mariella Mizzi datat 14 ta' Novembru 2008, kopja ta' dan il-kuntratt qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B;

Illi ma jezisti ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra t-trapass taz-zmien minn meta l-partijiet ilhom

separati, illum il-gurnata huma ghandhom hajja totalment separata u distinta minn xulxin;

Illi rigward manteniment fil-konfront tat-tfal, il-partijiet jiddikjaraw li ma tezisti l-ebda pretensjoni dwar dan;

Ili dawn il-fatti hawn fuq citati jissodisfaw il-kundizzjonijiet mehtiega ghal ottenjeniment tad-divorzju ai termni ta' l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu in vista tal-premess li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;
2. Tordna lid-Direttur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-eventwali divorzju, u dan sabiex jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Ottubru, 2014;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Novembru, 2008;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------